EUROPEAN CAPITALS OF
INCLUSION AND DIVERSITY

# LAQGĦA INFORMATTIVA GĦALL-MEDIA

## Premju 2024 tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità

Il-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità hi kompetizzjoni li tirrikonoxxi u tippremja awtoritajiet lokali madwar l-UE kollha li jippromwovu l-inklużjoni u d-diversità u jgħinu biex jibnu Ewropa aktar ġusta. Il-kompetizzjoni hi parti mill-inizzjattiva tal-Kummissjoni Ewropea tax-Xahar Ewropew għad-Diversità u issa tinsab fit-tielet edizzjoni tagħha, bl-edizzjoni tal-2024 **skedata li ssir fil-25 ta' April 2024 fi Brussell.**

### Skop tal-Premju

Minkejja avvanzi sinifikanti, data tal-Ewrobarometru u stħarriġ riċenti juru li ħafna ċittadini tal-UE għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni.

- 59 % tal-Ewropej jemmnu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika hi mifruxa.
- Kulur tal-ġilda segwit minn sfond etniku jew ta' immigrant, huma l-iktar raġunijiet komuni għal diskriminazzjoni msemmija minn rispondenti ta' nisel Afrikan fl-istħarriġ tal-2023[1]
- 43 % ta' persuni LGBTIQ jiddikjaraw li ħassewhom iddiskriminati fl-2019
- Wara l-pandemija, in-nisa qalgħu bħala medja 16 % inqas mill-irġiel fl-UE kollha, meta mqabbla mal-medja ta' diskrepanza ta' 14 % fl-2019
- Persuni b'diżabilità jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw servizzi essenzjali, kura tas-saħħa, edukazzjoni, impjieg u ħajja politika
- 25 % ta' Rom iħossu li ffaċċjaw diskriminazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, ikluż opportunitajiet ta' impjieg u edukazzjoni
- Diskriminazzjoni abbażi tal-età ta' spiss tiġi esperjenzata minn żgħażagħ u anzjani

Il-premju speċifiku tal-2024 ser jenfasizza inizzjattivi u azzjonijiet li ttieħdu minn awtoritajiet lokali li jiżguraw bliet, irħula u reġjuni sikuri għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, billi jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa. Skont l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ta' EIGE:

---

[1] *Meta jkollok ġilda skura fl-UE. Esperjenzi ta' Persuni ta' Nisel Afrikan. Stħarriġ tal-UE dwar immigranti u dixxendenti ta' immigranti*, FRA, 2023.

- Hu stmat li 1 minn kull 3 nisa esperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali minn mindu kellhom 15-il sena.

Il-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità jirrikonoxxi l-isforzi ta' awtoritajiet lokali biex jibnu soċjetajiet iktar inklużivi ħalli ċ-ċittadini Ewropej kollha jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom u ħadd ma jibqa' lura. Il-premju hu parti mill-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni Ewropea biex tippromwovi l-ugwaljanza u tiġġieled id-diskriminazzjoni li huma valuri u drittijiet fundamentali fl-UE, minquxa fit-Trattati tagħha u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Iktar informazzjoni dwar l-istrateġiji tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-Ugwaljanza:

- Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu 2020-2025
- L-Istrateġija tal-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025
- L-Istrateġija tal-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025
- L-Istrateġija għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabilità 2021-2030
- Qafas strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni għall-2020-2030
- L-Istrateġija tal-UE biex tiġġieled l-antisemitiżmu u t-trawwim tal-ħajja Lhudija (2021-2030)

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**

Il-Premju hu miftuħ għall-awtoritajiet lokali mis-27 Stat Membru tal-UE li attivament jipprattikaw politiki ta' inklużjoni li jisfidaw is-sess, l-età, id-diżabilità, l-identità tal-LGBTIQ, ir-reliġjon jew it-twemmin, u d-diskriminazzjoni etnika jew l-oriġini razzjali. L-applikant għandu jkun unità amministrattiva regolata minn kunsill ta' belt jew korp governattiv elett b'mod demokratiku; l-applikazzjoni hi miftuħa għal bliet, irħula u reġjuni ġol-UE.

**Il-Kategoriji tal-Premju**

Hemm żewġ kategoriji għall-edizzjoni 2024: awtoritajiet lokali **b'inqas minn 50,000 abitant u dawk b'aktar minn 50,000 abitant.** Hemm ukoll premju speċifiku għal awtoritajiet lokali li jiżguraw **bliet, irħula u reġjuni sikuri għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, billi jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa.**

**Rikonixximent tal-Inizzjattivi dwar id-Diversità**

Il-Premju jirrikonoxxi inizjattivi ta' diversità u inklużjoni li jindirizzaw ir-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni (ġeneru, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali) u intersezzjonalità. Dawn l-inizjattivi jistgħu diġà jkunu implimentati jew ikunu fil-proċess ta' implimentazzjoni.

**Proċess tal-Għażla**

L-applikazzjonijiet għall-Premjijiet se jkunu suġġetti għal verifika ta' eliġibilità u evalwazzjoni minn qabel minn esperti indipendenti. Ġurija Ewropea ser tagħmel l-aħħar għażla fiż-żewġ kategoriji u l-premju speċifiku għal awtoritajiet lokali li jiżguraw bliet, irħula u reġjuni sikuri għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, billi jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa. Il-Kummissjoni Ewropea se taħtar esperti indipendenti għall-evalwazzjoni minn qabel u l-membri tal-Ġurija Ewropea għall-fażi tal-għażla finali tas-selezzjoni. Il-Ġurija Ewropea għall-Premju Ġenerali se tkun magħmula minn mill-inqas ħames membri li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi. Il-Ġurija Ewropea għall-Premju Speċifiku għal awtoritajiet lokali li jiżguraw bliet, irħula u reġjuni sikuri għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom, billi jindirizzaw il-vjolenza kontra n-nisa ser tinkludi organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi u partijiet ikkonċernati rilevanti nazzjonali u Ewropej.

**Rebbieħa Preċedenti**

Fl-edizzjoni tal-2023 tal-premju, bosta awtoritajiet lokali madwar l-Unjoni Ewropea kollha rebħu l-Premjijiet tad-Deheb, tal-Fidda u tal-Bronż.

- **Terrassa** (Spanja) rebħet il-Premju tad-Deheb fil-kategorija ta' awtoritajiet lokali b'iktar minn 50,000 abitant,
- **La Zarza** (Spanja) rebħet il-Premju tad-Deheb fil-kategorija ta' awtoritajiet lokali b'inqas minn 50,000 abitant u
- **Gdansk** (il-Polonja) rebaħ il-Premju tad-Deheb fil-kategorja Premju Speċjali għat-trawwim tal-ugwaljanza LGBTIQ.

**Kopertura tal-Media**

Il-media mistiedna tattendi ċ-ċerimonja tal-Premju **fi Brussell fil-25 ta' April 2024**. Għal dawk li ma jistgħux jattendu personalment, l-avveniment ser jixxandar live. Intervisti mar-rebbieħa tal-premju u ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jkunu organizzati billi tikkuntattja t-tim tal-media fuq media@eudiversity2024.eu

**Aktar informazzjoni**

Għal aktar informazzjoni żur is-sit web tal-Premju tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità fuq www.eudiversity2024.eu. Aġġornamenti ta' kull xahar u stqarrijiet għall-istampa jistgħu jintlaqgħu billi tirreġistra għall-fuljett jew billi tikkuntattja t-tim tal-media fuq media@eudiversity2024.eu.

*****